**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-5 TA' LULJU 2022**

**Kawza Numru: 7**

**Rik. Kost. 329/2021 RGM**

**Arnold Cassola**

**Vs**

**l-Avukat tal-iStat**

**Il-Qorti:**

Dan huwa **provvediment finali dwar rikors intavolat fil-15 ta' Marzu 2022 mill-partit politiku ABBA** sabiex jintervjeni *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri.

**Sfond tal-Kawża.**

Permezz ta' rikors ippreżentat mir-rikorrent Arnold Cassola fl-14 ta' Mejju 2021 huwa ppremetta:

1) illi kkontesta l-Elezzjonijiet Nazzjonali fl-1992, 1996, 1998, 2003, 2008, 2013 u 2017;
2) illi fl-2019 huwa kkontesta bħala kandidat indipendenti u fuq livell nazzjonali tella 2,200 vot mal-ewwel għadd u 2,900 vot mal-aħħar għadd;
3) illi huwa jixtieq ikompli jaħdem fil-kamp politiku u li jkun kandidat indipendenti fl-elezzjonijiet li jmiss jew li jifforma koalizzjoni jew alleanza politika li ma tkunx assoċjata mal-Partiti politiċi l-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista;
4) illi l-maġġoranza tal-Kamra tad-Deputati tal-Parliament ivvutaw biex japprovaw l-abbozz 119 ta' liġi bl-isem: Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u liġijiet oħra sabiex jiżgura ugwaljanza de facto bejn in-nisa u l-irġiel fil-politika permezz ta' liema jekk f'elezzjoni ġenerali il-kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti u f'każ li n-numru ta' membri tal-Parliament tas-sess l-inqas rappreżentat huwa inqas minn 40% tal-Membri kollha tal-Parliament, allura n-numru ta' Membri tal-Parliament għandu jiżdied b'mhux aktar minn 12 il-Membru tas-sess l-inqas rappreżentat;
5) illi dan il-provvediment tal-liġi huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent u individwi oħra li mhumiex kandidati taż-żewġ partiti għax jillimita u jirrestrinġi l-inċentivi ta' siġġijiet addizzjonali biss għal dawk il-kandidati assoċjati maż-żewġ partiti li jiġu eletti fil-Parliament meta jkunu eletti membri ta' żewġ partiti biss;
6) illi dan il-provvediment legali huwa lesiv tad-dritt tal-liberta' t'assoċjazzjoni kif sanċit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea kif provdut mill-Kap 319;
7) illi l-mekkaniżmu taż-żieda ta' Membri tal-Parliament mhux wieħed neċessarju jew proporzjonat biex jippromwovi ugwaljanza bejn is-sessi iżda mekkaniżmu biex jipperpetwa d-duwopolju tal-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista fil-parliament u jeskludi r-rappreżentanza iktar wiesa u l-kandidatura u opportunitajiet tar-rikorrent;
8) illi l-mekkaniżmu fuq imsemmi imur kontra d-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa hekk kif sanċit mill-Ewwel Protokol tal-Artikolu 3 tal-

Konvenzjoni Ewroepa li jipproteġi u jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura;

9) illi mekkaniżmu kumpensatorju jikkostitwixxi interferenza u distorzjoni tal-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fejn il-vot għall-kandidati taż-żewġ partiti l-kbar li jiġu eletti fil-parlament jiġi ppremjat b'iktar siġġijiet fil-parlament u għalhekk jingħata aktar piż minn vot li jingħata lil kandidat li mhux assoċjat maż-żewġ partiti hekk eletti;

10) illi dan il-mekkaniżmu kumpensatorju jippromwovi biss liż-żewġ partiti l-kbar bl-esklużjoni tal-kandidati indipendenti jew ta' partiti jew alleanzi oħrajn u għalhekk jikkostitwixxi diskriminazzjoni politika u xkiel fuq l-espressjoni ħielsa tal-votanti;

11) illi din hija diskriminatorja sia ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituizzjoni kif ukoll tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għax jimponi żvantaġġ sproporzjonat u rraġjonevoli fuq ir-rikorrent u kandidati li mhumiex assoċjati maż-żewġ partiti il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista.

Għalhekk ir-rikorrent talab lill-Qorti,

(1) Tiddikjara illi l-Avukat ta' l-iStat intimat kiser id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem ghad-dritt ta' elezzjonijiet ħielsa kif provdut f'Artiklu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll tikostitwixxi diskriminazzjoni skont l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif provdut f'Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(2) Tiddkjara illi l-intimat kiser id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem rigward il-liberta' ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni kif provdut fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(3) Tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq inkluż id-dikjarazzjoni li l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kull referenza għal Artikolu 52A kemm f'Artikolu 61A2b u Artikolu 662b tal-Kostituzzjoni kif ukoll fir-Regolamenti 21a, Regolament 23a u Regolament 24 u oħrajn Annessi mat-Tlettax-il Skeda Regolament tar-Regolamenti tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) fl-Att Dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, imorru kontra l-Kostituzzjoni u li huma nulli u mingħajr effett.

L-intimat Avukat tal-Istat qed jopponi għall-dawn it-talbiet b'diversi eċċezzjonijiet li huwa ressaq permezz ta' risposta ppreżentata fid-9 ta' Ġunju 2021fejn sostna illi;

1) l-kawża promossa mir-rikorrent ma hiex proponibbli għaliex tikkonsisti f'azzjonijiet differenti u distinti fin-natura, ix-xorta u l-konsegwenzi tagħhom li jġibu n-nullita' tal-azzjoni;
2) illi r-rikorrent m'għandux interess ġuridiku jippromwovi din il-kawża;
3) illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija biss applikabbli f'Malta limitatament f'dak li jikkonċerna 'the scope and application of European Union Law' u mhux għall-elezzjonijiet ġenerali li huma 'matters of Member State competence';
4) illi Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta kellu jkun applikabbli wkoll fl-istess kuntest ta' dak provdut f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Matla u ċioe' fejn 'kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti';
5) illi mhux qed tinħoloq diskriminazzjoni fil-konfront ta' kandidtati indipendenti jew tat-tielet partit, stante li l-artikolu 52A ma japplikax f'każ li jkunu eletti kandidati ta' aktar minn żewġ partiti, u mhux japplika fil-konfront ta' wieħed jew tnejn mill-partiti a skapitu ta' tielet partit;
6) illi sakemm Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni jibqa' jipprovdi li f'każ li ebda partit ma jottjeni maġġoranza assoluta, il-mekkaniżmu korrettiv japplika biss meta jiġu eletti biss kandidati minn żewġ partiti, l-istess

applikazzjoni għandu jkun hemm f'dak li jirrigwarda Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni;

7) illi Artikolu 52A ġie approvat mill-Kamra tar-Rappreżentanti kważi unanimament u għalhekk għandu jingħata piż lill-eżerċizzju demokratiku li wassal għall-promulgazzjoni tal-provvedimenti mertu ta' din il-kawża;
8) illi Artikolu 52A bl-ebda mod ma jipprojbixxi jew jimpedixxi t-twaqqif ta' xi assoċjazzjoni jew ta' xi partit politiku u bl-ebda mod ma jostakola d-dritt ta' persuna li tassoċja ruħha ma' oħrajn;
9) illi Att XX tal-2021 ma biddel xejn fil-proċess elettorali u kull persuna kwalifikata ai termini ta' Artikolu 53 tal-Kostituzzjoni u mhux skwalifikata ai termini ta' Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni tista' liberament tikkontesta elezzjoni ġenerali u daqstant ieħor tali persuna tista' tassoċja ruħha ma kandidati oħrajn;
10) illi l-emendi introdotti bl-Att XX tal-2021 bl-ebda mod ma jivvjolaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll peress li ma jilledux id-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa;
11) illi la l-emendi ma jilledux id-dritijiet fundamentali tar-rikorrent ma jistax jissussisti att diskriminatorju.

B'sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022 minn din il-Qorti diversament presjeduta, ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat fejn eċċepixxa illi l-azzjoni tal-attur tikkostitwixxi tlett talbiet distinti minn xulxin u allura hija nulla u mproponibbli. L-istess sentenza pero' laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat fejn eċċepixxa illi r-rikorrent m'għandux interess ġuridiku jistitwixxi l-kawża odjerna u illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma hiex applikabbli.

Rat illi r-rikorrent ippreżenta appell fit-28 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu huwa
talab lill-Qorti tal-Appell sabiex tirrevokaha fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u tiddikjara li l-attur għandu

interess ġuridiku meħtieġ sabiex il-kawża istitwita minnu tinstema' u tiġi deċiża.

Rat illi b'sentenza tas-7 ta' Marzu 2022 il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-appell tal-attur, irriformat is-sentenza appellata billi ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u bgħatet lura quddiem l-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

Rat illi l-kawża ġiet ri-assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta li b'digriet tal-10 ta' Marzu 2022 appuntat il-kawża għas-smiegh għas-16 ta' Marzu 2022.

**Rikors tal-partit politiku ABBA sabiex Jintervjeni in Statu et Terminis**.

Fil-15 ta' Marzu 2022 il-partit politiku ABBA ippreżenta rikors f'dawn il-proċeduri li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm premessi, talab "illi jintervjeni bħala partit fil-kawża odjerna in statu et terminis flimkien mar-rikorrent u dan sabiex il-Qorti ssib illi l-fatti kif elenkati fir-rikors ġuramentat, kif ukoll kif ser jiġu spjegati aktar fid-dettal kemm il-darba din il-Qorti jogħġobha tilqa' din it-talba, jammontaw għal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-partit esponent kif protetti mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-istess Konvenzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea meħuda konġuntivament mal-Artikoli ġia ċitati; u konsegwentement tannulla l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni u tiddikjara li mgħandha jkollha ebda effett".

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat tad-29 ta' April 2022 għar-rikors tal-partit politiku ABBA tal-15 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu, u għar-raġunijiet hemm miġjuba, qed jopponi għal dan ir-rikors.

Fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022 semgħat lill-abbli avukati tal-partijiet jitrattaw ir-rikors imsemmi tal-15 ta' Marzu 2022 u ħalliet l-imsemmi rikors għallum għall-provvediment finali.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat;

L-ewwel osservazzjoni tal-Qorti fir-rigward hi illi fir-rikors tiegħu il-partit politiku ABBA ma iċċita l-ebda artikolu tal-liġi li bis-saħħa tiegħu qed iressaq it-talba sabiex jintrevjeni f'din il-kawża istitwita mill-attur Arnold Cassola. Din l-osservazzjoni qed issir għaliex kif ser naraw il-partit politiku ABBA mhux jitlob sempliċement li jintervjeni in statu et terminis iżda qed jitlob li jintervjeni in statu et terminis sabiex (1) jintervjeni "flimkien mar-rikorrent"; (2) sabiex il-Qorti ssib illi l-fatti elenkati mill-attur Arnold Cassola fir-rikors promotur "jammontaw għal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-partiti politiku" ABBA; u (3) sabiex il-Qorti tannulla l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni u tiddikjarah li m'għandu jkollha beda effett;

Bħala punt tat-tluq fid-deliberazzjoni ta' din il-Qorti opportun jiġu delineati **l-elementi kostitutivi tal-Istitut tal-Intervenut fil-Kawża *in Statu et Terminis***.

Artikolu wieħed biss insibu fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jitratta l-intervent ta' parti f'kawża ta' ħaddieħor hekk imsejjaħ in statu et terminis.

**Artikolu 960 tal-Kap. 12** intitolat "Intervent f'kawża *in statu et terminis*" jipprovdi:

> **Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-**

**qorti fi grad ta'appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha.**

Il-Qrati nostrani kellhom diversi opportunitajiet jinterpretaw dan l-artikolu li minnhom ser jiġu elenkati l-elementi saljenti ta' dan l-istitut:

1. Il-qrati tagħna dejjem taw interpretazzjoni miftuħa dwar l-istitut tal-intervent fil-kawża regolat bl-Artikolu 960 tal-Kap.12[1];

2. Sa mill-1898 ġie ritenut mill-qrati tagħna illi: "………..nel linguaggio della Procedura, e` terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell`esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte … "L` istituto dell`intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi"[2];

3. Artikolu 960 ma jagħmilx distinzjoni bejn kawżi b'mertu ta' indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali u kawżi oħra;

4. Il-pożizzjoni ġuridika ta' parti f'kawża u intervenut fl-istess kawza ma hix identika. Persuna li tigi awtorizzata tintervjeni f'kawża *in statu et terminis*, għalkemm bil-permess tal-Qorti, tista' tissolleva kwalunkwe eccezzjoni, ma ssirx parti fil-kawża, kuntrarjament għall-kjamat fil-kawza, u għalhekk ma tistax tiġi kundannata jew liberata;

---

[1] **Christoper Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**. - Qorti Kostituzzjonali - 18/07/2014

[2] **Stepton vs Spiteri** - Appell Ċivili - 23/11/1898 (Kollez Vol. XVI.i.117); **Artikolu 960 tal-Kap. 12** ma ġarrab l-ebda tibdil jew sostituzzjoni minn meta ġie promulgat il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lura fis-sena 1855;

5. L-intervent fil-kawza huwa mogħti lil kull persuna li turi għas-sodisfazzjon tal-Qorti li għandha interess ġuridiku fil-mertu ta' kawża li tkun miexja bejn ħaddiehor[3];

6. L-interess meħtieg sabiex wieħed jintervjeni bis-saħħa tal-Artikolu 960 irid ikun interess ġuridiku, u ċioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux sempliċement interess fl-eżitu ta' dik il-kawza bil-ħsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, f'kawża jew kawżi oħra futuri[4];

7. Għalkemm skond l-Artikolu 960 tal-Kap 12 l-intervenut fil-kawza ma jissospendix is-smiegħ tal-kawża; pero' "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu ghadhom iridu jsiru ghall-istruzzjoni tal-kawza, l-intervenut ma jistax japprofitta ruhu mill-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex igib 'il quddiem ir-ragunijiet tieghu" (Kollez. Vol. XXXII P I p 477). Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tiegħu biex jiddahhal fil-kawza, l-intervenut fil-kawża għandu dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom mhux deċizi. Dan hu seta' jagħmlu anke billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom[5];

8. Ġie wkoll dikjarat illi l-intervenut fil-kawza ġialadarba jkun issodisfa lill-Qorti li għandu interess sostanzjali u dirett fil-mertu tal-kawża u mhux f'mertu ieħor simili għal dak fil-kawża, ma hux sempliċement osservatur izda għandu wkoll id-dritt li jressaq il-provi. Huwa ghalhekk li l-intervenut fil-kawza għandu dritt jaghmel sottomissjonijiet u anke jressaq provi."[6]

---

[3] App. Civ. Sup. **Michele Cefai v. Angelo Cutajar et.,** 11/4/1947; Q. Kost. **Carmelo sive Charles Delia et. v. Registratur tal-Qrati noe. et. 25**/4/1990; PA **Ivo Borg v. Carmelo Muscat**, 28/10/1960; App. Civ Sup**. Bernard Zammit v. Emmanuele Formosa et**, 11/6/1948 ; PA **John Said et v. Carmelo Vassallo**, 11/3/1950 - ċitati fis-sentenza Christopher Cassar vs Avukat Ġenerali

[4] **Mario Galea Testaferrata et. vs Il-Prim Ministru et.** - Qorti Kostituzzjonali - 10/01/2005 u l-ġurisprudenza hemm ċitata: **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; **Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott** Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02).

[5] **Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonnici et vs Evelyn Micallef Agius et**. - Qorti tal-Appell - 10/01/2007; **Joseph Galea vs Alfred Cardona** - Appell Kummerċjali - 28/07/1987 u l-każistika hemm ċitata

[6] **Mark Micallef vs Kontrollur tad-Dwana et.** - Qorti tal-Appell - 2/12/2005; **Constantino sive Lino Grech et v. Onor. Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona et** - Qorti ta' l-Appell - 20/02/1996),

9. Il-mertu ta' kawża jibqa' l-istess mit-twelid sat-tmiem tagħha kif promoss mill-attur u ma jinbidilx u lanqas jitwessa bil-fatt li l-Qorti tkun awtorizzat lil terz jintervjeni *in statu et terminis*;

10. It-terz ammess jintervjeni *in statu et terminis* għandu, permezz tal-provi minnu mressqa kif ukoll fis-sottomissjonijiet minnu magħmula, jappoġġja l-azzjoni tal-attur jew id-difiża tal-konvenut dwar il-mertu ta' dik il-kawża; iżda mhux li jintroduċi fil-kawża talbiet ġodda.

Applikati dawn il-prinċipji għar-rikors hawn trattat u deċiż il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Minn qari tar-rikors tal-partit politiku ABBA tal-15 ta' Marzu 2022 huwa mill-ewwel evidenti illi r-rikorrenti ABBA qed jitlob li jintervjeni f'dawn il-proċeduri ġudizzjarji mhux għaliex għandu interess dirett u sostanzjali fil-mertu tal-kawża li jikkonċerna l-ilment tal-attur Arnold Cassola li nkisru d-drittijiet fundamentali tiegħu bl-Att XX tal-2021 <u>iżda sabiex il-Qorti ssib illi bl-Att XX tal-2021 ġew miksura d-drttijiet fundamentali tal-partit politiku ABBA.</u>

Kif rajna aktar qabel, l-istitut tal-intervent fil-kawża ma hux intiż sabiex jiddaħlu talbiet ġodda f'kawża li fetaħ ħaddieħor imma huwa intiż sabiex intervenut jissostanzja l-azzjoni tal-attur jew id-difiża tal-konvenut. Fil-każ odjern il-partit politiku ABBA ma jistax jitlob li fil-kawża li fetaħ l-attur Arnold Cassola, il-Qorti titratta u tiddeċiedi wkoll dwar l-alelgat leżżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-partit ABBA.

Opportun issir referenza għas-**sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu 2022** f'din il-kawża dwar sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Jannar 2022. Il-Qorti Kostituzzjonali għarblet sew l-interess ġuridiku fl-attur fir-rigward tal-mertu tal-kawża odjerna minnu promossa:

16. Sabiex jiġi determinat jekk l-appellant għandux jew le l-interess ġuridiku meħtieġ f'dawn it-tip ta' proċeduri, il-Qorti għandha l-ewwelnett tiddetermina sewwasew fuqiex inhu bbażat l-ilment tal-appellant. Minn eżami tal-atti tal-kawża jidher illi l-azzjoni ntavolata mill-appellant hija mibnija primarjament fuq tlett binarji:

i. Huwa qiegħed jiġi prekluż milli qatt ikun jista' jibbenefika mill-mekkaniżmu kkontemplat fl-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni minħabba l-politika tiegħu, għaliex mhuwiex u ma jridx ikun parti mill-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista, u dan il-mekkaniżmu effettivament japplika biss għall-membri ta' dawn iż-żewġ partiti;

ii. L-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni qiegħed ixekkel id-dritt ta' assoċjazzjoni tiegħu, għaliex persuni li stieden sabiex jingħaqdu miegħu biex jikkontestaw l-elezzjoni flimkien irrifjutaw l-offerta tiegħu peress li ħassew li jkun detrimentali għalihom li jikkontestaw l-elezzjoni jekk mhux bħala kandidati mal-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista, minħabba li jekk jikkontestaw flimkien mal-appellant kienu ser ikunu awtomatikament preklużi milli jibbenefikaw mill-mekkaniżmu kkontemplat fl-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni;

iii. L-Artikolu 52A huwa leżiv tad-dritt tiegħu għall-elezzjonijiet ħielsa għaliex iwassal sabiex il-vot tiegħu lill-kandidati li mhumiex membri tal-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista jiġi njorat u joħloq riskju reali li persuni li ġabu anqas voti minn persuni oħra jiġu co-opted fil-Parlament sempliċiment għaliex jifformaw parti miż-żewġ partiti msemmija.

[…]

20. L-appellant ressaq xhieda sabiex jikkonfermaw li kienu rrifjutaw li jissieħbu miegħu għall-elezzjoni proprju għaliex dan kien ikun ifisser li ser jiġu preklużi milli jibbenefikaw mill-

mekkaniżmu ntrodott mill-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ġaladarba ma kinux ser ikunu membri taż-żewġ partiti kbar. ……………fl-istadju li tinsab fih bħalissa din il-kawża u fil-kuntest tal-eżami *prima facie* li jrid isir, ix-xhieda ta' Dr. Claire Azzopardi Lane hija suffiċjenti sabiex tirradika fl-appellant l-interess ġuridiku rikjest biex jippromwovi din l-azzjoni. Dan għaliex din ix-xhieda turi, dejjem fuq bażi *prima facie*, li l-Artikolu 52A affetwa direttament lill-appellant billi kellu mpatt dirett, attwali u personali fuq l-abilta` tal-appellant li jassoċja ruħu ma' persuni oħra sabiex magħhom jikkontesta l-elezzjoni ġenerali…..”

Il-Qorti tagħraf illi l-azzjoni promossa mill-attur tirrigwarda id-drittijiet fundamentali tiegħu u mhux ta' ħaddieħor. Jista' jkun li bil-promulgazzjoni tal-Att XX tal-2021 persuni oħra fis-sitwazzjoni tal-attur ġew effettwati bl-istess mod; iżda b'daqshekk ma hux radikat fihom l-interess dirett fil-mertu tal-kawża odjerna li kien u jibqa' il-pretensjoni tal-attur Arnold Cassola li ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu.

Rilevanti ħafna għal dak li qieghed hawn jiġi kkonsidrat huwa provvediment li tat il-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar 2005 fil-kawża fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et**. dwar tlett rikorsi li saru minn terzi sabiex jintervjenu f'dik il-kawża fl-istadju tal-appell wara li l-Ewwel Qorti kienet iddeċidiet fit-3 ta' Ottubru 2000 illi s-subartikoli (4) u (5) tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 (Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar) gew dikjarati li jiksru d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk dik il Qorti ddikjarat dawk id-disposizzjonijiet nulli u bla effett.

Fl-istess sentenza l-Ewwel Qroti laqghet l-eccezzjonijiet ta' l-intimati in kwantu jirrigwardaw id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan a bazi tad-disposizzjoni transitorja kontenuta fl-Artikolu 7 tal-Kap. 319, b'mod ghalhekk li ma ddikjaratx li l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kap. 158 kienu jivvjolaw l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-imsemmija Konvenzjoni. Qalet hekk fir-rigward tar-rikorsi għall-intervent fil-kawża:

> "Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada ma hux interess dirett fil-kawza bejn Mario Galea Testaferra et minn naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech minn naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha t'taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt ikun jista' jintervjeni in statu et termini – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk."

Hekk ukoll fil-kawża odjerna, il-partit politiku ABBA *espliċitament* qed jitlob li jintervjeni fil-kawża odjerna sabiex il-qorti ssib li bl-Att XX tal-2021 ġew leżi d-drittijiet konvenzjonali tiegħu qua partit politiku kif protetti bl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dak li qed jitlob espliċitament fir-rikors tiegħu il-partit politiku ABBA huwa turija ċara illi m'għandux l-interess ġuridiku fil-mertu tal-kawża kif kontemplat fl-Artikolu 960 tal-Kap. 12 u kif interpretat b'mod konsistenti mill-qrati tagħna.

**Fi kliem ieħor, għalkemm fir-rikors tiegħu il-partit ABBA qed jitlob li jintervjeni *in statu et terminis,* fir-realta li qed jitlob mhux li jintervjeni in statu et terminis iżda li jiddaħħal fil-kawża bħala attur sabiex jiġu deċiżi l-lanjanzi tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali tiegħu qua partit politiku; talba din li bl-ebda mod ma ssib l-għeruq tagħha fl-Artikolu 960 tal-Kap. 12 li huwa l-uniku provvediment legali li jipprovdi u jirregola talbiet għall-intervent *in statu et terminis* minn terzi fi proċeduri ġudizzjarji pendenti bejn ħaddieħor.**

**Decide.**

Għalhekk, in konklużżjoni, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors tal-partit politiku ABBA tal-15 ta' Marzu 2022 fejn qed jitlob li jintervjeni *in statu et terminis* fil-kawża odjerna, billi,

1) **Tiddikjara illi l-istitut tal-Intervent fil-Kawża *in statu et terminis* regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jesiġi illi mhux kull min għandu interess fl-eżitu ta' kawża bejn ħaddieħor jista' jintervjeni iżda jistgħu jintervjenu biss dawk li għandhom interess ġuridiku sostanzjali u dirett fil-mertu ta' dik il-kawża partikolari u mhux f'mertu simili iżda distint;**

2) **Illi sabiex il-Qorti tikkonsidra dak li qed jitlob fir-rikors tiegħu tal-15 ta' Marzu 2022 il-partit politiku ABBA, u cioe' li l-Qorti tiddikjara illi l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, introdott permezz tal-Att XX tal-2021, jammonta għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu *qua* partit politiku kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea u mill-Kostituzzjoni ta' Malta, <u>mhux mertu li jista' jiġi introdott bil-mezz ta' intervent *in statu et terminis* fil-kawża pendenti</u>**

**bejn l-attur Arnold Cassola u l-Istat Malti; iżda jista' jiġi mressaq b'kawża *ad hoc* li l-partit politku ABBA huwa liberu li jistitwixxi sabiex jadixxi l-qrati jiddeċiedu dwar id-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tiegħu *qua* partit politiku.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni Ċivili u wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq elenkati, qed tiċħad ir-rikors tal-partit politiku ABBA tal-15 ta' Marzu 2022 sabiex jintervjeni *in statu et terminis* fil-kawża odjerna.**

**Moqri.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
5 ta' Lulju 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**